## MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 19

IL-ĦAMIS 5 TA' ĠUNJU 2014 FIN -12.30pm

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |
| DERREN AGIUS | ACCOUNTANT |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 LAQGĦA TAL-KUNSILL IMSEJĦA B'URĠENZA SABIEX TIĠI DISKUSSA JUM TA' XBIEX

Peress illi din il-Laqgħa kienet mgħajta b'urġenza ma kienx hemm minuti.

Is-Sindku Max Zammit tkellem dwar l-attivita' li sejra issir f'Jum Ta' Xbiex.

Is-Sindku Max Zammit qal li din l-attivita' għandha tibda billi fis-6pm, issir quddiesa fil-Knisja tal-Paroccca u wara niċċelebraw dan il-Jum speċjali bis-spettaklu quddiem il-Funtana fi Triq Principessa Margerita. Matul din is-serata se jingħata f'Gieħ Ta' Xbiex u rikonnoxximent lil persuni jew gruppi li servew jew għandhom jagħtu xi tip ta' kontribut fil-Lokalita' ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ lista ta' l-inviti lill persuni distinti kif ukoll jimxi fuq il-lista tal-mistiednin ta' qabel aġġornata.

Is-Sindku semma l-artisti li ha jieħdu sehem f'din l-Attivita' li huma Gaia Cauchi, Gianluca Bezzina, Freddie Portelli, il- magician u llużjonista internazzjonali Brain Role flimkien ma' Lora Palmer u ma' talenti minn Ta' Xbiex.

Wara li tispiċċa s-serata lid-delettanti tal-football se jiġu mistiedna sabiex issegwu l- lobgħa tat-Tazza tad-Dinja, il-lobgħa tant mistennija bejn l-Italia u l-Ingilterra ġewwa s-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel uninament li għal din l-attivita' il-Kunsill jonfoq sa masssimu ta' € 4,000.

Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillier Frank Roe, ilmentaw fuq diversi għidut u spekulazzjonijiet mhux korretti minn xi residenti, li qalu li semgħu li l-Kunsill Ta' Xbiex jinsab miksur mal-Kappillan uxxenti Patri Wistin. Is-Sindku ikkundanna dan it-tip ta nfamar u talab spjegazzjoni lill-Kunsilliera prezenti, sabiex jara minn fejn ħareg dan it-tip ta għidut, għaliex bħala Kunsill f'din il-leġislatura żgur li qatt ma kien hemm kwistjonijiet mal-Kappillan.

Għall-mistoqsija tas-Sindku ma kienx hemm tweġiba, u waqt il-laqgħa bdiet tqum ftit tensjoni. Għaldaqstant sabiex jitwassal messaġġ ta għaqda, s-Sindku ppropona li dan il-ġieħ jingħata xorta, sabiex jintesew id-differenzi u għaliex jemmen li bħala Kunsill għandna nizirgħu l-imħabba u l-għaqda, u żgur ma kienx ser jippermetti li jigu vvintati stejjer li jkissru l-għaqda fi ħdan il-lokal.

Il-Kunsill laqa din il-proposta tas-Sindku b'entusjazmu u unanimament approvaw din l-istess proposta. Is-Sindku nsista wkoll li din għanda tkun l-aħħar darba li l-kunsill jinnomina lill-persuni għall-Ġieh Ta' Xbiex, izda ppropona li jkunu r-residenti stess li jaħmlu dan.

Bi qbil bejn il-Kunsill kollu, l-Kunsill tkellem fuq stedina mill-Kunsill ta' Rocca Santo Stefano f'Ruma. L-iskop ta din iz-zjara huwa tħejija għal ġemellaġġ bejn iz-zewġ lokalitajiet, sabiex il-Kunsill jagħmel kuntatti ġodda ma kunsilli oħra barra minn Malta u jakkwista fondi minn proġetti għall-ġid tal-lokalita. Il-Kunsill qabel uninament li għandhom jitilgħu s-Sindku Max Zammit u l-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace.

Għal din iż-żjara il-Kunsill ma kienx ser jidħol fi spejjez ta akkomodazzjoni, izda għall lis-spejjez tal-biljetti u spejjez oħra relatati ma' dan il-vjaġġ sar qbil mill-Kunsill kollu li għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

Il-Laqgħa spiċċat fit- 3.00 ta' wara nofs in-nhar.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv